

Brussell, 9 ta' Ġunju 2016  
(OR. en)

10007/16

JAI 552  
COPEN 195  
DROIPEN 109  
CYBER 67  
JAIEX 61  
EJUSTICE 121

## EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 9 ta' Ġunju 2016

lil: Delegazzjonijiet

---

Nru. dok. preċ.: 9579/16 + COR 1

---

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar it-titjib tal-ġustizzja  
kriminali fiċ-ċiberspazju  
- konklużjonijiet tal-Kunsill (9 ta' Ġunju 2016)

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tal-ġustizzja kriminali  
fiċ-ċiberspazju, adottati mill-Kunsill fit-3473 laqgħa tiegħu li saret fid-9 ta' Ġunju 2016.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar it-titjib tal-ġustizzja kriminali fiċ-  
ċiberspazju**

DETERMINAT li jċaħħad lill-kriminali milli jkollhom post tal-kenn fiċ-ċiberspazju,

FILWAQT LI JINNOTA ż-żieda fl-impatt taċ-ċiberkriminalità, kriminalità bl-użu tal-internet jew kwalunkwe attività kriminali oħra li ħalliet impronta diġitali fiċ-ċiberspazju,

FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza li kulma jmur qed tiżdied tal-evidenza elettronika fil-proċedimenti kriminali fit-tipi kollha ta' reati kriminali, u b'mod partikolari għat-terroriżmu,

FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza tal-protezzjoni taċ-ċiberspazju mill-abbużi u l-attivitajiet kriminali għall-benefiċċju tal-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħna, u għalhekk il-ħtieġa li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji jkollhom għodod effettivi biex jinvestigaw u jħarrku l-awturi ta' atti kriminali relatati maċ-ċiberspazju,

FILWAQT LI JFAKKAR li l-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità hija prijorità tal-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà tat-28 ta' April 2015, li tinkludi impenn mill-Kummissjoni li tirrevedi l-ostakli għall-investigazzjonijiet taċ-ċiberkriminalità, b'mod partikolari r-regoli dwar l-aċċess għall-evidenza u l-informazzjoni,

FILWAQT LI JFAKKAR fid-diskussjoni tal-Ministri għall-Ġustizzja dwar l-isfidi futuri għal ġustizzja kriminali effettiva fl-era diġitali fil-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni f'Diċembru 2015<sup>1</sup>,

FILWAQT LI JFAKKAR fl-appoġġ mill-Ministri għall-Ġustizzja għall-iżvilupp ta' elementi konkreti għal approċċ komuni tal-UE dwar il-ġurisdizzjoni fiċ-ċiberspazju, espress fil-laqgħa informali Ġustizzja u Affarijiet Interni tas-26 ta' Jannar 2016,

---

<sup>1</sup> dok. 14369/15

FILWAQT LI JFAKKAR fid-dikjarazzjoni konġunta tal-Ministri għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni u r-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet tal-UE dwar l-attakki terroristiċi fi Brussell fit-22 ta' Marzu 2016 li tenfasizza l-ħtieġa, bħala kwistjoni ta' prijorità, li jinstabu mezzi kif tinkiseb evidenza elettronika aktar malajr u b'mod aktar effettiv billi tkun intensifikata l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u mal-fornituri tas-servizz li huma attivi fit-territorju Ewropew, sabiex tissaħħaħ il-konformità mal-leġislazzjoni tal-UE u tal-Istati Membri, u kuntatti diretti mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u biex jiġu identifikati miżuri konkreti biex jindirizzaw din il-kwistjoni kumplessa matul il-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni f'Ġunju<sup>2</sup>,

FILWAQT LI JFAKKAR fil-Komunikazzjoni tal-20 ta' April 2016 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill - Azzjoni fuq l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà biex jiġi miġġieled it-terroriżmu u titwitta t-triq lejn Unjoni ta' Sigurtà effettiva u ġenwina li, bħala parti minnha, il-Kummissjoni ntrabtet li tipproponi soluzzjonijiet biex tindirizza l-problemi ta' kif tinkiseb l-evidenza diġitali fir-rigward ta' investigazzjonijiet kriminali,

FILWAQT LI JINNOTA r-Rapport<sup>3</sup> tal-Konferenza dwar il-ġurisdizzjoni fiċ-ċiberspazju li saret fis-7 u t-8 ta' Marzu 2016 f'Amsterdam, li jirrifletti d-diskussjonijiet dwar soluzzjonijiet possibbli għat-titjib fl-investigazzjonijiet fiċ-ċiberspazju, speċjalment fir-rigward tal-proċeduri għall-assistenza legali reċiproka, il-kooperazzjoni mas-settur privat, u l-investigazzjonijiet fiċ-ċiberspazju fejn il-lokalizzazzjoni tad-data jew l-oriġini tal-ċiberattakki ma jkunux (għadhom) magħrufa,

FILWAQT LI JINNOTA l-adozzjoni mill-COSI ta' sett ta' rakkomandazzjonijiet biex itejbu l-kooperazzjoni operazzjonali fl-investigazzjonijiet kriminali fiċ-ċiberspazju<sup>4</sup>,

FILWAQT LI JINNOTA s-7 ċiklu ta' evalwazzjonijiet reċiproċi ddedikati għall-implimentazzjoni u l-operazzjoni prattika tal-politiki Ewropej dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità, li qed isir bħalissa, bħala kontribut importanti għall-isforzi fiż-żieda tal-intensità tal-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità,

---

<sup>2</sup> dok. 7371/16

<sup>3</sup> dok. 7323/16

<sup>4</sup> dok. 8634/2/16 REV 2

FILWAQT LI JINNOTA r-riżultati tar-rieżami tal-Ftehim dwar l-Assistenza Legali Reċiproka bejn l-UE u l-Istati Uniti<sup>5</sup>,

FILWAQT LI JINNOTA l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew kontra Ċiberkriminalità<sup>6</sup>,

FILWAQT LI JFAKKAR fil-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità tat-23 ta' Novembru 2001 u l-Protokoll Addizzjonali tagħha li huwa promoss mill-Unjoni bħala qafas globali ta' referenza fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità,

FILWAQT LI JFAKKAR fid-Direttiva 2014/41/UE dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f' materji kriminali, li għandha l-għan li tgħaġġel u tagħmel aktar effiċjenti l-investigazzjonijiet transfruntieri madwar l-UE jiġifieri abbażi tar-rikonoxximent reċiproku, kif ukoll id-Direttiva 2013/40/UE dwar attacchi kontra s-sistemi tal-informazzjoni li tappella lill-Istati Membri, fost l-oħrajn, biex jiżguraw li jkollhom punt ta' kuntatt nazzjonali operattiv fin-netwerks eżistenti ta' kooperazzjoni fuq bażi ta' 24/7.

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li għalkemm dawn l-istrumenti jipprovdu aktar possibbiltajiet għall-infurzar tal-liġi fiċ-ċyberspazju, għadhom jeżistu ostakli prattiċi u legali, ukoll minħabba l-iżvilupp rapidu tat-teknoloġiji, pereżempju f'każijiet fejn l-oriġini ta' ċiberattakki jew il-lokalizzazzjoni tal-evidenza elettronika ma tkunx (għadha) magħrufa jew tkun volatili, jew f'każijiet fejn regolamenti f'kunflitt ixekklu l-kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizz,

FILWAQT LI JINNOTA li l-kriminalità bl-użu tal-internet u ċ-ċiberkriminalità jiksru d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, u l-ħtieġa li tiġi żgurata protezzjoni sħiħa ta' dawn id-drittijiet u libertajiet,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li l-użu ta' miżuri investigattivi għandu jkun iggwidat mill-ħarsien tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u l-prinċipji tan-neċessità u l-proporzjonalità,

FILWAQT LI JINNOTA l-adozzjoni tal-istrumenti tar-riforma tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u l-moviment liberu ta' dik id-data,

---

<sup>5</sup> dok. 9291/16

<sup>6</sup> dok. 10025/16

FILWAQT LI JINNOTA li r-rapporti tal-2012 u l-2013 tal-Grupp Transfruntier tal-Kumitat tal-Konvenzjoni ta' Ċiberkriminalità, li jiddikjaraw li diversi pajjiżi diġà huma involuti fl-aċċess transfruntier tad-data li jmur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Budapest fuq bażi legali mhux ċara,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li l-Istati Membri għandhom interess leġittimu biex fl-investigazzjonijiet kriminali jiddeterminaw, bħala minimu, il-lokalizzazzjoni tal-evidenza elettronika jew l-oriġini ta' ċiberattakk,

DETERMINAT li jaġixxi sabiex iħares l-istat tad-dritt fiċ-ċyberspazju,

### **IL-KUNSILL TAL-UE,**

JAGĦRAF li l-linji gwida mniżżlin hawn taħt għandhom japplikaw għall-ħidma futura biex jittejjeb l-infurzar tal-istat tad-dritt fiċ-ċyberspazju u tinkiseb evidenza elettronika fi proċedimenti kriminali:

- Is-soluzzjonijiet prattiċi biex jittejjeb it-tweqqif effettiv ta' proċedimenti kriminali fiċ-ċyberspazju għandhom jirrispettaw b'mod sħiħ l-oqfsa tal-protezzjoni tad-data u tad-drittijiet fundamentali;
- Għandu jiġi kkunsidrat it-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizz jew kwalunkwe soluzzjoni oħra komparabbli li tippermetti żvelar malajr ta' data; jistgħu jiġu previsti proċessi legali anqas rigorużi għall-kisba ta' kategoriji speċifiċi ta' data, partikolarment data dwar l-abbonati, u dawn jistgħu jkunu ta' għid għall-partijiet ikkonċernati kollha;
- proċeduri ta' Assistenza Legali Reċiproka marbutin ma' data elettronika għandhom jitħaffu u jiġu ssimplifikati; il-volum ta' talbiet għal assistenza legali reċiproka bejn l-awtoritajiet kompetenti jista' jitnaqqas billi tiżdied il-kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizz, jew kwalunkwe soluzzjoni oħra komparabbli;

- Il-proċeduri ta' rikonoxximent reċiproku għandhom jintużaw b' mod effiċjenti biex jiggarrantixxu l-iżgurar u l-kisba effettivi ta' evidenza elettronika;
- Għandhom jiġu kkunsidrati miżuri oħrajn, imsejsin fuq eżami ta' fatturi ta' konnessjoni għall-infurzar tal-ġurisdizzjoni<sup>7</sup> fiċ-ċyberspazju, inkluż f'każijiet fejn il-post fejn tinsab id-data ma jkunx (għadu) magħruf jew ikun volatili.

IQIS li hu meħtieġ li ssir kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u partijiet privati terzi li tippermetti effetti mħalltin ta' miżuri varji għal infurzar effettiv tal-liġi fiċ-ċyberspazju.

IQIS li l-iżvilupp ta' approċċ komuni tal-UE għat-titjib tal-ġustizzja kriminali fiċ-ċyberspazju għandu jiġi ttrattat bħala kwistjoni ta' prijorità. Dan għandu jsir b' mod li jkun konsistenti mal-ħidma li qed issir fuq il-qafas tal-Konvenzjoni ta' Budapest tal-Kunsill tal-Ewropa.

## **JIKKONKLUDI, GĦALDAQSTANT, LI:**

### **I. IL-KOOPERAZZJONI MAL-FORNITURI TAS-SERVIZZ GĦANDHA TIŻDIED.**

#### **Għal dak l-għan,**

1. Il-KUMMISSJONI mitluba tiżviluppa qafas komuni għall-kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizz sabiex jinkisbu kategoriji speċifiċi ta' data, partikolarment data dwar abbonati, meta dan ikun permess mil-leġislazzjoni ta' pajjiżi terzi, jew kwalunkwe soluzzjoni oħra komparabbli li tippermetti żvelar malajr legali ta' tali data<sup>8</sup>. Il-Kummissjoni mitluba tagħmel dan f'assoċjazzjoni mal-Istati Membri u l-pajjiżi terzi rilevanti u f'kooperazzjoni mas-settur privat.

<sup>7</sup> It-termini "infurzar tal-ġurisdizzjoni" u "ġurisdizzjoni ta' infurzar", għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet, jirreferu għall-kompetenza tal-awtoritajiet rilevanti li jieħdu miżura investigattiva. Skont dawn il-konklużjonijiet, għal sitwazzjonijiet speċifiċi fejn mhumiex biżżejjed l-oqfsa eżistenti, għandha tiġi esplorata l-possibbiltà ta' approċċ komuni tal-UE bil-ħsieb li l-investigazzjonijiet fiċ-ċyberspazju jittejjbu.

<sup>8</sup> Fejn talba għal data tkun tinvolvi trasferiment ta' data personali minn awtorità ta' Stat Membru, il-liġi rilevanti dwar il-protezzjoni tad-data għandha titħares.

2. Soluzzjonijiet bħal dawn għandhom jistipulaw rekwiżiti maqbula b'mod komuni fosthom rekwiżiti ta' hteġa u proporzjonalità għal talbiet li jkunu indirizzati lill-fornituri tas-servizz li jippermettu aċċess legali għad-data li huma jkollhom. Għandhom jipprovaw jipprevjenu interpretazzjonijiet inkonsistenti, konflitti bejn regolamenti eżistenti u jindirizzaw il-kwistjoni ta' talbiet biex id-data ma tiġix żvelata. Is-soluzzjonijiet proposti ma għandhomx ixecklu arranġamenti fuq livell nazzjonali.
3. Għal dan il-għan, il-KUMMISSJONI f'assoċjazzjoni mal-Istati Membri mitluba tesplora mal-fornituri tas-servizz il-possibbiltà li jintużaw forum u għodod allinjati bħal dawk imsemmijin fit-Taqsima II sabiex tiġi ffaċilitata l-awtentikazzjoni, biex jiġu żgurati proċeduri rapidi u biex jiżdiedu t-trasparenza u l-ġarr ta' responsabbiltà fil-proċess tal-iżgurar u l-kisba ta' evidenza elettronika.

*IL-KUMMISSJONI mitluba tippreżenta rapport ta' valutazzjoni dwar il-progress f'din il-kwistjoni sa Diċembru 2016 u tippreżenta riżultati tanġibbli sa Ġunju 2017.*

## II. IL-PROĊEDIMENTI TA' ASSISTENZA LEGALI REĊIPROKA (U, FEJN APPLIKABBLI, RIKONOXIMENT REĊIPROKU) JEĦTIEĠ LI JIĠU SSIMPLIFIKATI

### Għal dak l-għan,

4. Il-KUMMISSJONI mitluba ssib modi, f'assoċjazzjoni mal-ISTATI MEMBRI u, fejn meħtieġ, pajjiżi terzi, bħala kwistjoni ta' prijorità, kif tiżgura u tikseb evidenza elettronika aktar malajr u b'mod aktar effettiv bis-simplifikazzjoni tal-użu ta' proċedimenti ta' assistenza legali reċiproka u, fejn applikabbli, rikonoximent reċiproku.
5. Għal dak l-għan, il-KUMMISSJONI mitluba, f'assoċjazzjoni mal-ISTATI MEMBRI, EUROJUST u pajjiżi terzi, tikkunsidra u tagħmel rakkomandazzjonijiet dwar kif jiġu adattati, fejn xieraq, il-formoli u l-proċeduri standardizzati eżistenti biex jintalbu l-iżgurar u l-kisba ta' evidenza elettronika.
6. Biex jiżdied l-użu effiċjenti ta' formoli u proċeduri standardizzati bħal dawn sabiex tinkiseb l-evidenza elettronika, il-KUMMISSJONI mitluba tiżviluppa, f'assoċjazzjoni mal-ISTATI MEMBRI, EUROJUST, CEPOL u, fejn meħtieġ, pajjiżi terzi, filwaqt li tuża, fejn ikun xieraq, għodod elettroniċi eżistenti, u filwaqt li tirrispetta l-kompetenzi u l-kanali ta' komunikazzjoni taħt oqfsa legali eżistenti:
  - portal sigur elettroniku għal talbiet u twegġibiet elettroniċi dwar evidenza elettronika u l-proċeduri korrispondenti, inkluż l-użu fakultattiv tat-traduzzjoni awtomatizzata ta' talbiet bħal dawn, kif ukoll biex dawn jiġu segwiti u intraċċati;
  - linji gwida u moduli ta' taħriġ dedikati, f'kooperazzjoni man-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju, in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew kontra ċ-Ċiberkriminalità u l-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi fejn ikun meħtieġ, dwar l-użu effiċjenti tal-oqfsa attwali li jintużaw biex tiġi żgurata u tinkiseb evidenza elettronika, inklużi linji gwida biex jiġi ċċarat meta, skont ir-regoli eżistenti, l-użu ta' Assistenza Legali Reċiproka jew strumenti ta' rikonoximent reċiproku ma jkunx meħtieġ.

*IL-KUMMISSJONI mitluba tippreżenta rapport intermedju dwar il-progress f'dawn l-attivitajiet sa Diċembru 2016 u tippreżenta riżultati tanġibbli mhux aktar tard minn Ġunju 2017. Il-KUMMISSJONI mitluba tippreżenta l-portal elettroniku sa Diċembru 2017.*

7. Il-KUMMISSJONI, f'assoċjazzjoni mal-ISTATI MEMBRI u, fejn meħtieġ, pajjżi terzi, mitluba tikkunsidra passi addizzjonali sabiex tiżgura u tikseb evidenza elettronika b'mod aktar effettiv, permezz tal-użu tal-qafas ta' Assistenza Legali Reċiproka bejn l-UE u l-Istati Uniti, fost oħrajn.
8. Il-KUMMISSJONI mitluba, bil-ħsieb li jsir użu sħiħ mid-Direttiva 2014/41/UE dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea f'Materji Kriminali ("id-Direttiva dwar l-OIE") għall-iskop tal-iżgurar u l-kisba ta' evidenza elettronika fl-UE, tkompli tissorvelja u tappoġġa lill-Istati Membri fil-proċess ta' traspożizzjoni ta' din id-direttiva sat-22 ta' Mejju 2017.
9. L-ISTATI MEMBRI mitlubin:
  - jirratifikaw u jimplementaw b'mod sħiħ il-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità tat-23 ta' Novembru 2001;
  - jittrasponu rapidament id-Direttiva dwar l-OIE, sa mhux aktar tard mit-22 ta' Mejju 2017;
  - jiżguraw biżżejjed kapacià biex jiġu ttrattati talbiet għal Assistenza Legali Reċiproka marbutin ma' investigazzjonijiet fiċ-ċyberspazju u jipprovdu taħriġ rilevanti għall-persunal dwar it-trattament ta' talbiet bħal dawn;
  - jagħmlu l-aħjar użu possibbli mill-punti ta' kuntatt 24/7 eżistenti u jżidu l-użu ta' timijiet ta' investigazzjoni konġunti, sabiex il-kondiviżjoni ta' informazzjoni ssir aktar faċli u/jew jitħaffu l-proċedimenti għal Assistenza Legali Reċiproka.

### III. IR-REGOLI DWAR IL-ĠURISDIZZJONI TA' INFURZAR FIĊ-ĊIBERSPAZJU GħANDHOM JIĠU RIVEDUTI.

#### Għal dak l-għan,

10. IL-KUMMISSJONI mitluba, fid-dawl tal-gwida politika mogħtija mill-Ministri għall-Ġustizzja fil-Kunsill ta' Ġunju 2016 u f'assoċjazzjoni mal-ISTATI MEMBRI, EUROJUST u EUROPOL, tesplora possibbiltajiet għal approċċ komuni tal-UE għall-ġurisdizzjoni ta' infurzar fiċ-ċyberspazju f'sitwazzjonijiet fejn l-oqfsa eżistenti ma jkunux biżżejjed, eż. sitwazzjonijiet fejn għadd ta' sistemi ta' informazzjoni jintużaw fl-istess ħin f'għadd ta' ġurisdizzjonijiet biex isir reat kriminali wieħed, sitwazzjonijiet fejn evidenza elettronika rilevanti tiċċaqlaq minn ġurisdizzjoni għall-oħra f'perijodi qosra ħafna ta' żmien, jew fejn jintużaw metodi sofistikati biex jinħeba l-post fejn tinsab l-evidenza elettronika jew fejn saret l-attività kriminali, li jwassal għat-“telf ta' lokalizzazzjoni”.<sup>9</sup>
11. Filwaqt li jqis id-dettalji speċifiċi ta' kull sitwazzjoni, l-approċċ għandu jiddetermina:
  - liema fatturi ta' konnessjoni jistgħu jipprovdu raġunijiet għall-ġurisdizzjoni ta' infurzar fiċ-ċyberspazju;
  - jekk jistgħux jintużaw miżuri investigattivi irrispettivament mill-fruntieri fiżiċi, u jekk iva liema.
12. Għandhom jitqiesu:
  - in-natura u l-gravità tar-reati li inkella jibqgħu mhux ikkastigati;
  - raġunijiet possibbli għall-ġurisdizzjoni ta' infurzar, jiġifieri fuq il-bażi ta' fatturi ta' konnessjoni bħal pereżempju fejn jinsabu l-kwartieri ġenerali ta' fornitur tas-servizz, l-attività ekonomika ta' fornitur tas-servizz fl-istat li jkun qed jinvestiga, jiġifieri meta l-fornitur tas-servizz joffri prodotti jew servizzi fit-territorju tal-istat li jkun qed jinvestiga (“rabta kummerċjali”), ir-residenza abitwali u/jew iċ-ċittadinanza tal-persuna akkużata jew issuspettata, u/jew fejn tinsab il-persuna affettwata;

---

<sup>9</sup> Dawn huma biss eżempji. Il-Kummissjoni mitluba teżamina soluzzjonijiet li jindirizzaw sitwazzjonijiet bħal dawn jew daqstant serji li jiġġustifikaw approċċ bħal dan.

- l-użu u l-effettività ta' ordinijiet ta' produzzjoni domestiċi msejsa fuq fatturi ta' konnessjoni possibbli bħal dawn għall-ġurisdizzjoni ta' infurzar fiċ-ċiberspazju;
- soluzzjoni ta' kooperazzjoni għal aċċess dirett transfruntier għal data mingħajr għajjnuna teknika;
- salvagwardji xierqa, bħall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, id-data personali, u l-proporzjonalità u s-sussidjarjetà bħala prinċipji gwida għall-użu ta' miżuri investigattivi biex tiġi ggarantita l-legalità tagħhom;
- analoġiji possibbli ma' sistemi legali transfruntiera oħrajn eż. it-Trattat dwar is-Sema Miftuħ u l-Konvenzjoni dwar id-Dritt tal-Baħar, ir-regoli tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-Data u l-Liġi tal-UE dwar il-Kompetizzjoni;
- l-effett ta' approċċ bħal dan fuq il-qafas legali eżistenti.

*IL-KUMMISSJONI mitluba tirrapporta dwar il-proċess tal-iżvilupp ta' dan l-approċċ sa Diċembru 2016 u tippreżenta r-riżultati ta' din il-valutazzjoni sa Ġunju 2017. Il-valutazzjoni għandha tinkludi elementi speċifiċi għal approċċ komuni tal-UE u proposti għat-twettiq tiegħu, inkluża l-possibbiltà li ssir ħidma fuq inizjattiva leġislattiva b'rabta ma' dan.*

